MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Numru 849/2003

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
John Polidano, iben Rosario,
imwieled Pieta' fit-29 ta'
lulju, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, matul ix-xhur ta' lulju u awissu, 2003 b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda –

1. talli fit-30 ta' lulju, 2003 fil-Pieta', ħdejn id-Detox Centre, matul il-ġurnata, ikkometta serq ta' handbag u diversi oġġetti oħra li jammontaw għal aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 minn ġewwa l-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBM 116, għad-dannu ta' Karen

Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fit-13 ta' awissu, 2003 fil-Qawra matul il-lejl ikkometta serq ta' 'handbag' u diversi oġġetti oħra li jammontaw għal aktar minn Lm50 iżda anqas minn Lm100 minn ġewwa l-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KIA 444, għad-dannu ta' Maria Odette Caruana u Patrick Sammut liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
3. talli fl-istess żminijiet u ċirkostanżi laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa jew akkwistati b'qerq, liema oġġetti, cioe' 'credit cards', affarijiet u dokumenti oħra personali ġew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanżi bejn lulju u awissu, 2003 għamel ħsara volontarja fl-imsemmija karozzi u cioe' bin-numri tar-reġistrazzjoni FBM 116 u KIA 444, liema ħsara hi ta' aktar minn Lm10 iżda anqas minn Lm50 għad-dannu ta' Karen Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ u Patrick Sammut mis-Swieqi;
5. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi bħala l-persuna li ġie fil-pussess tal-karta ta' l-identita', bin-numru 459974(m), maħruġa fuq isem Maria Odette Caruana, naqas li minnufih jikkonsenja jew jibgħat lid-detentur jew lill-uffiċjal awtorizzat din l-istess karta ta' l-identita';
6. talli fl-14 ta' awissu, 2003 għal ħabta tas-6.15 p.m. ġewwa ċ-Ċirkewwa saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAD 137, mingħajr ma kienet liċenzjata mill-pulizija jew mill-Awtoita' dwar it-Trasport Pubbliku biex tintuza fit-triq (liċenzja mhux rinnovata) u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' skond il-liġi;
7. talli sar reċidiv meta nstab ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta datati rispettivament 10 ta' novembru, 1998, 23 ta' marzu, 1999 u 30 ta' marzu, 1998 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 12 tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta. Tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Inoltre, tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta’ sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------